# LECTIO DIVINA

# Ir-Raba' Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

### Mk 1, 21-28

**F'dak iż-żmien, Ġesù u d-dixxipli tiegħu daħlu Kafarnahum.**

L-ewwel post li jżur Ġesù huwa villaġġ li jinsab fl-«art ta' Żebulun, u art ta' Naftali», fil-«Galilija tal-ġnus» (*Mt* 4,14; *Is* 8,23b), minn fejn tgħaddi t-«triq tal-baħar» li minn Damasku tibqa' sejra għall-Eġittu. Hu f'dan l-imkien tal-kummerċ (kien hemm anki d-dwana, cfr *Mk* 2,14; *Mt* 9,9; *Lq* 5,27) li Ġesù jibda l-missjoni tiegħu akkumpanjat minn dawk li hu sejjaħ biex jagħmilhom «sajjieda tal-bnedmin» (*Mk* 1,17). L-għażla ta' Kristu mhijiex il-kapitali politika u reliġjuża (Ġerusalemm) imma l-mogħdijiet tal-kummerċ fejn iterraq il-bniedem imħabbat li għandu bżonn jisma' tagħlim ġdid. Huwa Kristu li jmur fit-«triq» fejn hemm il-bniedem biex jiftaħlu t-triq għas-Sema (cfr *S* 77,20-21). "[...] Biex inkunu nistgħu niddjalogaw ma' din is-soċjetà «ġdida», aħna wkoll hemm bżonn li nwettqu l-aġġornament meħtieġ biex filwaqt li nibqgħu fidili għall-Vanġelu, inkunu Knisja kontemporanja li tiltaqa' mal-bniedem kontemporanju. Quddiemna u maġenbna għandna l-bniedem kif inhu u mhux kif nixtequh ikun [...] Huwa minħabba dan il-bniedem li Ġesù ġie fid-dinja... hu minħabba dan il-bniedem li teżisti l-Knisja." (MARIO GRECH, *Diskors lis-saċerdoti*, 17 Jan 2015).

**Malajr, f'jum is-Sibt, daħal**

Ġesù, «Sid is-Sibt» (*Mt* 12,8), jasal fil-jum li jfakkar it-tmiem tal-ħolqien, tal-«waqfa» ta' Alla mix-xogħol tiegħu, il-jum imbierek u mqaddes li ġie miċħud mill-Poplu ta' ras iebsa li ma emminx f'Alla u għalhekk ma daħalx fil-mistrieħ tiegħu; tant li Alla jistkerrah is-sibt kif iċċelebrat minn Poplu li jqiegħed «il-ħażen flimkien mal-festi» (*Is* 1,13). Hu jidħol sabiex idaħħal lill-bniedem f'mistrieħ ġdid: «Alla għażel mill-ġdid jum ieħor – "illum" – meta wara

ħafna żmien qal b'fomm David il-kliem li semmejna, "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom". [...] Nfittxu mela li nidħlu f'dan il-mistrieħ, biex ma jkunx hemm min jaqa' bħalhom fuq l-eżempju tal-ebusija tagħhom» (*Lhud* 4,7.11). Ġesù jidħol sabiex isawwar «il-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew» (*Efes* 4,24). Il-mod kif *Mk* juża l-verbi x'aktarx jindika li quddiemna għandna deskrizzjoni ta' ġurnata tipika ta' Ġesù (cfr *Mk* 1,21.29.32-33.35) ikkaratterizzata mill-*predikazzjoni*, mill-ħajja *flimkien mad-dixxipli*, mil-*laqgħa mal-folol*, mill-*għemejjel* u *għeġubijiet*, minn waqtiet ta' *solitudni*, mit-*talb*. Il-ħajja tad-dixxiplu għandha tkun ikkaratterizzata minn dawn il-mumenti ta' ħajja interjuri u ħajja attiva, f'rabta ma' Alla u mal-aħwa (cfr DOM CHAUTARD, *The Soul of the Apostolate*).

**fis-sinagoga**

Fil-post tal-«miġemgħa» («συναγωγή», tr. *sunagoge*) fejn il-Lhud kienu jinġabru biex jisimgħu l-Iskrittura, jirċievu t-tagħlim tal-Liġi u tal-Profeti u jitolbu, jidħol Dak li kellu jħabbar kult ġdid fejn Alla irid jiġi meqjum «fl-ispirtu u l-verità» (*Ġw* 4,23). Il-post tal-ġebel u l-kult esterjuri mhuwiex garanzija li hemm *miġemgħa* li lesta tagħmel dak li l-Mulej jgħidilha. Gradwalment is-sinagoga, minn post fejn Ġesù jmur u jgħallem (cfr *Mk* 1,21.23.39; 3,1; 6,2; ara wkoll *Atti* 13,14-16) isir il-post-simbolu tar-rifjut u tal-ostilità għat-tagħlim tiegħu (cfr *Mk* 6,2; 12,39; 13,9), hekk li Ġesù jibda jgħallem lid-dixxipli tiegħu fid-djar (eż. cfr *Mk* 7,17) jew fil-beraħ (cfr *Mk* 10,1). Ġesù jidħol fis-sinagoga biex *isaffi* 'l qlub minn kult miftum mill-ħajja: «Sewwa ħabbar Isaija fuqkom, ja nies ta' wiċċ b'ieħor, bħalma hu miktub, "Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. [...] Hekk intom twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjoni tal-bnedmin. [...] Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjoni tagħkom.» (*Mk* 7,6.8-9; cfr *Mt* 7,21).

**u qagħad jgħallem.**

Opra ewlenija tal-imħabba ta' Kristu għall-bniedem hija li «jgħallem» (vb. «διδάσκω», tr. didasko): hu mhuwiex biss il-profeta mwiegħed lill-Poplu l-Magħżul permezz ta' Mosè (cfr Dt 18,15-20), sinjal tal-preżenza ta' Alla fost il-bnedmin (cfr Lq 7,16), imma huwa l-Iben ta' Alla (1,38; Lq 4,43; Ġw 8,42; 13,3; 16,27-28) li tagħlimu mhuwiex ripetizzjoni ta' dak li diġà ntqal (hekk kienu jagħmlu l-Imgħallmin imsejħa «*tanna'im*» - dawk li jirrepetu), mhuwiex turija ta' dak li jaf, imma huwa tagħlim li jagħti l-ħajja, li jeħles għax hi l-Verità nnifisha li qed turi lilha nnifisha (cfr *Ġw* 14,6). Fuq il-passi tiegħu, id-dixxiplu wkoll għandu jgħożż tagħlim l-

Imgħallem bħal ħabbet għajnejh (cfr *Prov* 7,2); għandu jtenni dan it-tagħlim u jitkellem fuqu *f'daru, u meta jkun miexi fit-triq, u meta jimtedd, u meta jqum* (cfr *Dt* 6,7); marbut mas-Saċerdot Waħdieni, hu li għandu sehem mis-saċerdozju tiegħu għandu jkollu xufftejn li jħarsu l-għerf għax «in-nies minn fommu tfittex it-tagħlim, għax hu l-messaġġier tal-Mulej tal-eżerċti» (*Mal* 2,7); u huwa lest li jgħallem dejjem anki jekk jiġi msawwat u mhedded sabiex ma jitkellimx f'isem Ġesù: «U kuljum, fit-tempju u fi djarhom, kienu jgħallmu u jxandru bla waqfien li Ġesù hu l-Messija» (*Atti* 5,42); l-inkwiet tiegħu għandu jkun dak li jgħallem dan it-tagħlim ġdid: «Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-Saltna tiegħu: xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim» (*2Tim* 4,1). *Li tgħallem lil min ma jafx* hija waħda mill-opri tal-ħniena li jmissu lir-ruħ.

**In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba.**

L-istagħġib («ἐκπλήσσομαι», tr. *ekplessomai*) huwa reazzjoni ta' min jisfa' *milqut b'qawwa* tant li jitlef ċertu kontroll tiegħu nnifsu hekk kif jimtela' b'sens ta' paniku, xokk, jew meravilja kbira. Dan huwa effett ta' «awtorità» («ἐξουσία», tr. *exousia*) li tindika s-setgħa ta' Alla li Waħdu jista' jagħmel li jrid għaliex huwa l-Essri ħieles li l-Kelma tiegħu hi «bħan-nar, jew bħal imterqa li tfarrak il-blat» (*Ġer* 23,29; cfr *Lhud* 4,12-13). Proprju għax jista'-kollox, hu għandu s-setgħa li jeħles lill-bniedem: is-setgħa li jeħlisu *mid-dlam tal-injuranza u l-qerq* permezz tat-tagħlim (cfr *Mk* 1,22.27); is-setgħa li *jaħfer id-dnubiet* (cfr *Mk* 2,10); is-setgħa li *jkeċċi x-xjaten* (cfr *Mk* 3,15). Din l-awtorità tibqa' mistura għal dawk li ma jemmnux fiha (cfr *Mk* 11,29.33), imma tiġi mogħtija lil dawk li huwa jsejjaħ sabiex jegħlbu l-ħażen (cfr *Mk* 6,7) u jħaddmu dak li jiġi afdat lilhom (cfr *Mk* 13,34). Dawk li huma msejħa għandhom jeżerċitaw din l-«awtorità» billi jibqgħu *marbuta* ma' Kristu u jħallu l-Kelma ta' Alla *tolqothom bil-qawwa* u *toħroġhom minnhom infushom*: *"Another sign of the fact that the priest is in the forefront of the Church is his being a guide who leads to sanctification the faithful entrusted to his ministry, which is esentially pastoral, presenting himself, however, with the authoritativeness which captivates and renders the message credible (cfr Mt 7,29). Indeed, all authority is exercised in a spirit of service as* amoris officium *and unpretentious dedication for the good of the flock (cfr Jn 10,11; 13,14). This reality to be lived with humilty*

*and coherence can be subject to two opposite temptations. The first is that of carrying out the ministry in an overbearing manner (cfr Lk 22,24-27; 1Pt 5,1); while the second temptation is that of disdaining personal configuration to Christ, Head and Shepherd, because of an incorrect view of community. [...] Priests will bear authentic witness to the Risen Lord, given to whom «all power in heaven and on earth» (Mt 28,18), if they exercise it in humble yet authoritative service to their respective flock and with respect to the duties which Christ and the Church entrust to the lay faithful and to the faithful consecrated by virtue of the profession of the evangelical counsels."* (Congregation for the Clergy, *Directory for the Ministry and the Life of Priests – new edition*, par. 25).

**Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin u qabad jgħajjat u jgħid: «Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: Il-Qaddis ta' Alla!»**

Filwaqt li l-kelmiet ta' Kristu joħolqu stgħaġib fost il-bnedmin, huma jinstemgħu bħala theddida u kliem ta' qerda għall-«ispirtu ħażin» («πνεύματι ἀκαθάρτῳ» tr. *pneumati akathartoi*): spirtu li huwa *oppost* għall-«Qaddis ta' Alla» (cfr *Ġw* 6,69; *Atti* 3,14; fit-TQ dan l-appellattiv jiġi attribwit lil Aaron *S* 106,16 u anki lil Eliżew *2Slat* 4,9) li *jgħajjat b'qawwa* biex jiddefendi ruħu u jiċħad kull tip ta' komunjoni jew relazzjoni ma' dan Ġesù ta' Nażaret («x'għandna x'naqsmu?», *x'hemm bejni u bejnek* cfr *Mt* 8,29; *Ġw* 2,4; *1Slat* 17,18; *2Slat* 3,13; *Imħ* 11,12). Il-missjoni ta' Ġesù hija dik li *jeqred* kull għamla ta' «spirtu ħażin» li jjassar qalb il-bniedem: «Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-Xitan» (*1Ġw* 3,8). Dan l-«ispirtu ħażin» jinsab sieket f'qalb bnedmin li huma preżenti fil-post tat-talb, fl-imkien tal-laqgħa tal-bniedem ma' Alla. Fis-sinagoga, fost il-*miġegħma* ta' dawk li jemmnu u jitolbu, hemm preżenti qlub imjassra bl-ispirtu tal-*vanaglorja* (cfr *Mk* 12,39), tal-*wiċċ b'ieħor* (cfr *Mt* 6,2.5). F'dan il-post jinsabu dawk li lesti jsawwtu lil min jistqarr li hu dixxiplu ta' Kristu (cfr *Mk* 13,9). Kull meta d-dixxiplu jmur għal-*laqgħa* tat-talb, għandu jgħarbel sewwa jekk fih hemmx jirribella l-«ispirtu ħażin» biex iħalli l-kelma setgħana ta' Kristu teqirdu minn ġo fih. Inkella jista' jkun skjav tal-Ħażin: "Hija demonijaka fidi li żżomm lil Mulej imbiegħed mill-ħajja ta' kuljum, li ssakkru f'dak li hu sagru, li titbissem bil-qalb meta tisma' eżortazzjonijiet devoti mingħajr ma tħallihom iniżżlu għeruqhom fl-iebes tal-ħajja ta' kuljum. Hija demonijaka fidi li tqis lil Alla bħala kontra-kurrent u li xxekkel it-tkabbir tal-ħajja

u tal-fidi: ‘jekk Alla jeżisti jien imnellaħ, ma nistax inwettaq ix-xewqat tiegħi’. Hija demonijaka fidi li tibqa’ fil-kliem: id-demonju jagħraf f’Ġesù l-qaddis ta’ Alla imma ma jilqax l-Evanġelju tiegħu.” (Paolo Curtaz).

**Imma Ġesù kkmandah: «Iskot! Oħroġ minnu!» Imbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu.**

Il-Mulej *jgħolli leħnu* («ἐπιτιμάω», tr. *epistimao*: *to admonish, charge sharply*) sabiex iġib fix-xejn il-qawwa tal-ħażin (cfr *Ġob* 26,11; *S* 106,9; 119,21; *Żak* 3,2; *Mk* 3,12; 4,39; 8,30.33; 9,25). Hu jkellem lill-ispirtu u mhux lill-bniedem, għaliex il-missjoni tiegħu hi proprju li jeħles lill-bniedem minn dak li jtaqqlu u jiċħadlu l-ħelsien.

**U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: «Dan x’inhu? X’tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa l-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu għalih?» U l-fama tiegħu malajr xterdet mal-inħawi kollha tal-Galilija.**

Dak li jgħaġġeb in-nies mhuwiex tant il-fatt li Ġesù kien wettaq eżorċiżmu (ir-riti ta’ eżorċiżmu kienu jiġi pprattikati mil-Lhud: cfr *Mk* 9,38; *Lq* 11,19; *Atti* 19,13) imma l-*mod*: bi ftit kliem. Il-miraklu li jseħħ huwa turija tas-setgħa tat-tagħlim li kien wasslilhom: huwa tagħlim «ġdid» li jrid *iġedded* il-qlub; hu *nar* li ġie sabiex jaqbad fuq l-art (cfr *Mt* 3,11; *Lq* 12,49). Il-qalb li tilqgħu trid tkun lest għar-*rovina* tal-egoiżmu tagħha u għall-«ġdid» tas-salvazzjoni.

Għar-riflessjoni

*«U daħlu Kafarnahum» (Mk 1,21). Din il-bidla hija sinifikattiva u hienja: iħallu warajhom il-baħar, jerħu d-dgħajsa, jitilqu l-ħbula tax-xbiek u jidħlu Kafarnahum. L-ewwel bidla hija dik li jitilqu l-baħar, id-dgħajsa, il-missier anzjan, li jħallu l-vizzji antiki. Infatti fix-xbiek, u fil-ħbula li jorbtu x-xbiek, huma jħallu warajhom l-vizzji. Iflu sewwa l-bidla li sseħħ. Telqu dan kollu: u għalfejn għamlu hekk, biex ifittxu xiex? «Daħlu – jgħid Mark – ġewwa Kafarnahum»: jiġifieri jidħlu fl-għalqa tal-faraġ [konsolazzjoni]. “Cafar” tfisser għalqa, “Naum” tfisser faraġ [konsolazzjoni]. Jew inkella (ġaladarba l-kliem bil-Lhudi għandu bosta tifsiriet, u, skont kif jitlissnu għandhom sens differenti), Naum tfisser mhux biss faraġ, imma anki sbuħija. Kafarnahum, għaldaqstant, tista’ tiġi tradotta bħala għalqa tal-faraġ jew għalqa mill-isbaħ...*

Ġɪʀᴏʟᴍᴜ, Kumment għall-Vanġelu ta’ Mark.